**QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)**
**ĠURISDIZZJONI SUPERJURI**
**SEZZJONI ĠENERALI**

**MAĠISTRAT DOTTOR BRIGITTE SULTANA LL.D., LL.M (CARDIFF) ADV. TRIB. ECCL. MELIT.**

**Illum, il-Ġimgħa, 27 ta' Mejju 2022**

**Rikors Ġuramentat numru: 41/2017 BS**

**Carmel Mifsud**

**-vs-**

**L-Avukat Ġenerali, u għal kull interess li jista' jkollu l-Kummissarju tal-Pulizija**

**Il-Qorti;**

**Rat ir-rikors ġuramentat tal-attur Carmel Mifsud illi ppremetta:**

1. Illi l-esponenti kien tressaq akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) b'diversi akkużi relatati ma' pussess ta' droga fil-kawża fl-ismijiet "Il-Pulizija (Spettur Paul Sammut u Spettur Paul Vassallo) vs Carmel Mifsud";

2. Illi dawn il-proċeduri kienu finalment wasslu għas-sentenza tas-7 ta' Mejju 1998, li permezz tagħha l-esponenti ġie kkundannat għal piena karcerarja għal tul ta' ħmistax-il (15) xahar;

3. Illi madankollu, tul dawk il-proċeduri, huwa kien għamel żmien taħt arrest preventiv minn Awwissu 1995 sal-aħħar ta' Mejju 1997 u ċjoè għal iktar minn wieħed u għoxrin (21) xahar;

4. Illi għaldaqstant huwa nżamm għal iktar minn sitt (6) xhur indebitament u mingħajr ebda raġuna gusta, liema arrest għaldaqstant għandu jiġi kklassifikat bħala wieħed illegali u bi ksur tad-drittijiet tiegħu, inkluż dak fundamentali tal-libertà mill-arrest arbitrarju;

5. Illi dan kollu kkawża danni lill-esponenti kif sejjer jiġi ppruvat fid-dettall waqt it-trattazzjoni tal-kawża;

6. Illi l-esponenti jixtieq li huwa jiġi kkumpensat għad-dannu li huwa sofra.

**Talab lil din l-Onorabbli Qorti:**

1. Tikkonstata u tiddikjara li bħala riżultat tal-fatti esposti hawn fuq, Carmel Mifsud għamel żmien ta' iktar minn sitt xhur miżmum taħt arrest preventiv indebitament u mingħajr ebda raġuni ġusta, u li għalhekk, dan il-perijodu ta' arrest għandu jiġi kklassifikat bħala arrest arbitrarju u illegali;

2. Tiddikjara li per konsegwenza ta' dan l-arrest, l-istess Carmel Mifsud sofra ksur tad-drittijiet tiegħu, inkluż tad-dritt fundamentali għal ħelsien mill-arrest u għal-libertà tal-persuna;

3. Tiddikjara li konsegwentement huwa sofra danni kif sejjer jiġi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża;

4. Tillikwida dawn id-danni billi tiddikjara li jikkonsistu f'dawk id-danni emergenti u lukri cessanti li ser jirriżultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawża;

5. Tikkundanna lilkom jew min minnkom tħallsu dawn id-danni kif hekk likwidati.

Bl-ispejjeż, inkluż tal-ittra uffiċjali Nru. 209/2017 tat-3 ta' Mejju 2017, kontra tagħkom jew min minnkom.

Bl-inġunzjoni għas-subizzjoni li għaliha minn issa intom inġunti.

**Rat ir-risposta ġuramentata tal-Avukat Ġenerali u tal-Kummissarju tal-Pulizija illi eċċepixxew:**

Illi l-eċċezzjonijiet tal-esponent hawn taħt elenkati qegħdin jingħataw mingħajr pregudizzju għal xulxin:

<u>Eċċezzjonijiet preliminari</u>

1. Illi in linea preliminari, l-esponenti jecepixxu l-improponibbilita' tat-talba tar rikorrent s*tan*te illi hija wahda vaga u mhux identifikat x'inhu d-dritt illi fuqu hija bbazata l-azzjoni;

2. Illi in linea preliminari u minghajr pregudizzju ghas-suespost jekk invece din il kawza hija wahda ta' natura ta' Culpa Aquiliana l-esponenti jecepixxu illi l-azzjoni attrici hija preskritta abbazi tal-artikolu 2153 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Illi in kwantu l-attur qieghed jitlob ukoll lil dina l-Onorabbli Qorti tiddikjara illi l attur sofra ksur tad-drittijiet tieghu, inkluz tad-dritt fundamentali ghal helsien mill-arrest u ghal-liberta' tal-persuna, l-esponenti jecepixxu n-nuqqas ta' gurisdizzjoni ta' dina l-Onorabbli Qorti in kwantu qieghda tintalab li tinvestiga allegat ksur tad-drittijiet fundamentali, stharrig li jispetta lill-Prim'awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali);

4. Illi in linea preliminari ukoll, l-esponenti jecepixxu illi t-talbiet tar-rikorrent m'humiex proponibbli *stant*e illi r-rikorrent qatt ma jista' jintavola kawza ta' natura Civili ibbazata fuq dwar allegati danni u fl-istess nifs jew per konsegwenza jinkludi fiha ukoll kawza ta' natura kostituzzjonali fejn jitlob dikjarazzjoni ta' ksur tad-drittijiet fundamentali tieghu;

**<u>Eċċezzjonijiet fil-mertu</u>**

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fil-ligi u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez;

2. Illi l-esponenti jeċepixxu illi ai termini tal-Artikolu 158(3)(c) tal-Kapitolu 12 tal Liġijiet ta' Malta, jiġi dikjarat illi l-fatti kif dikjarati mir-rikorrent qegħdin jiġu kkontestati u jeħtieg illi jiġu pruvati;

3. Illi l-esponenti ma kkawzaw l-ebda danni lir-rikorrent u m'ghandhomx jigu kkundanati ihallsu l-ebda somma lill-istess;

4. Illi l-esponenti jecepixxu fi kwalunkwe kas ir-rikorrent jrid jestabilixxi n-ness bejn l-agir tal-esponenti u d-danni allegatamenti sofferti mir-rikorrent u jehtieg ukoll illi r-rikorrent jressaq provi cari u inkonfutibbli ta' danni pretizi minnu;

5. Illi mill-atti processwali tal-kawza "*Il-Pulizija (Spettur Paul Sammut u Spettur Paul Vassallo) Vs Carmel Mifsud*" deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) fis-7 ta' Mejju 1998 jirrizulta illi r-rikorrent inzamm taht arrest preventiv mit-8 t'Awissu 1995 sa 6 ta' Jannar 1997 u cjoe sbatax (17) il-xahar u mhux wiehed u ghoxrin (21) xahar kif qieghed jallega r-rikorrent;

6. Illi l-arrest preventiv tar-rikorrent minn Awissu tal-1995 sa Jannar tal-1997 kien wiehed legali u msejjes fuq ragunijiet gusti;

7. Illi tali arrest huwa wkoll arrest li kien sar fuq l-ordni ta' Qorti *stante* li kienet il-Qorti tal-Magistrati li ma' akkordatx il-helsien mill-arrest fil-fazi inizjali tal-proceduri Kriminali u dan minhabba r-ragunijiet moghtija fid-decizjoni tal-istess Qorti;

8. Illi sussegwentement, mill-atti processwali tal-kawza fl-ismijiet "*Il-Pulizija (Spettur Paul Sammut u Spettur Paul Vassallo) Vs Carmel Mifsud*" deciza mill Onorabbli Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) fis-7 ta' Mejju 1998 jirrizulta illi r-- rikorrent kien effetivament inghata helsien mill-arrest taht depozitu ta' Lm 1000 fil-21 ta' Mejju 1996;

9. Illi kien ir-rikorrent li ghazel li ma jhallasx id-depozitu ordnat mill-Qorti (surreferit) u b'hekk inzamm taht arrest preventiv sas-6 ta' Jannar 1997;

10. Illi bil-fatt li r-rikorrent inzamm taht arrest preventiv kien ifisser wkoll li l-perjodu li fih inzamm taht arrest preventiv kien ser jitnaqqas mil-piena finali inflitta. Illi in oltre, ir-rikorrent ma ghamel l-ebda azzjoni li fiha allega li l-bail akkordat kien tali li jilledi d-drittijiet fundamentali tieghu izda qieghed wara t-trapass ta' ammont konsiderevoli ta' snin (aktar minn ghoxrin sena) jallega li sofra danni. Illi sabiex persuna tista tirreklama danni hija trid tipprova li giet dannegjata mill-esponenti u li soffriet danni reali, fatturi li l-esponenti jichdu;

11. Illi fi kwalunkwe kas u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti jecepixxu illi ai termini tal-artikolu 1030 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, kull min jezercita dritt mhux responsabbli ghad-danni li jistghu jigru sakemm il-pretensjoni tieghu ma tkunx arbitrarja jew kapriccuza li certament mhux il-kas fil-kas odjern. Illi f'dan il-kaz imkien ma jirrizulta illi saret xi prosekuzzjoni in mala fede kontra r-rikorrent liema prosekuzzjoni in mala fede hija l-eklement essenzjali ghal azzjoni ghal danni fin-natura ta' dik odjerna. Illi in oltre tali azzjoni trid issir entro t-terminu stipulat fl-artikolu 2153 tal-Kap 16 kif fuq inghad;

12. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kollha kontra r-rikorrent.

Rat id-digriet tagħha tas-7 ta' Frar 2022 li bih ordnat illi tiġi trattata t-tielet eċċezzjoni solevata mill-konvenuti u cioe dik dwar in-nuqqas ta' ġurisdizzjoni ta' din il-Qorti.

Rat illi l-kawża tħalliet għas-sentenza għal-lum limitatament dwar it-tielet eċċezzjoni.

**Ikkunsidrat**

Illi permezz tat-talbiet tiegħu, senjatament permezz tat-tieni talba l-attur qiegħed ifittex dikjarazzjoni dwar ksur tad-drittijiet fundamentali tiegħu inkluż tad-dritt fundamentali għal ħelsien mill-arrest u għal-liberta' tal-persuna.

Fir-rikors promotur l-attur fisser illi t-talbiet tiegħu huma marbuta mal-proċess kriminali fil-kawża fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Paul Sammut u Spettur Paul Vassallo) vs Carmel Mifsud** fejn l-akkużat kien qiegħed jiffaċċja akkużi dwar pussess ta' droga. Fil-kors ta' dawk il-proċeduri, senjatament fil-perijodu bejn Awwissu 1995 u Mejju 1997 l-attur inżamm taħt arrest preventi. Bis-sentenza tagħha tas-7 ta' Mejju 1998 il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) ikkundannat lill-attur għal ħsimtax (15)-il xahar priġunerija effettiva. L-attur jilmenta mill-fatt illi tenut kont tal-piena karċerarja li għaliha ġie kkundannat u tenut kont taż-żmien li matulu nżamm taħt arrest preventiv, huwa allegatament qatta' sitt xhur taħt arrest inġustifikat bi ksur tad-dritt fundamentali tiegħu tal-liberta' mill-arrest arbitrarju. L-attur jitlob għalhekk kumpens għad-danni minnu mġarrba konsegwenza tal-aġir lamentat.

Il-kwistjoni prinċipali fit-talbiet attriċi hija leżjoni tad-drittijiet fundamentali. Il-kwistjoni tad-danni hija biss konsegwenzjali għat-talbiet prinċipali b'tant illi jekk ma tirriżultax leżjoni tad-drittijiet kif lamentat mill-attur, ma jkunx hemm lok għall-Qorti illi tinoltra fil-kwistjoni tad-danni.

Il-konvenuti laqgħu billi eċċeppew preliminarjament illi din il-Qorti m'għandiex il-ġurisdizzjoni sabiex tinvestiga allegat ksur ta' drittijiet fundamentali għaliex tali stħarriġ jispetta lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali).

L-Artikolu 741 (b) tal-Kap 12 jirregola l-eċċezzjoni ta' inkompetenza. Id-disposizzjoni taqra hekk:

*(b) meta, għalkemm ta' ġurisdizzjoni tal-qrati ta' Malta, il-kawża tinġieb quddiem qorti diversa minn dik li għandha tieħu konjizzjoni tagħha:*

*Iżda jekk il-qorti tikkunsidra li l-eċċezzjoni hi ġustifikata, il-qorti għandha, permezz ta' digriet incamera, li ma jkunx appellabbli, tordna li l-atti tal-proċeduri jiġu trasferiti lill-qorti, bord jew tribunal li l-qorti tikkunsidra li għandhom jieħdu konjizzjoni ta'dik il-kawża:*

Il-Qorti tagħmel ukoll referenza għall-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni li jipprovdi hekk:

*46.(1) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet tas-subartikoli (6) u (7) ta' dan l-artikolu, kull persuna li tallega li xi waħda mid-disposizzjonijiet tal-artikoli 33 sa 45 (magħdudin) ta' din il-Kostituzzjoni tkun ġiet, tkun qed tiġi jew tkun x'aktarx ser tiġi miksura dwarha, jew kull persuna oħra li l-Prim'Awla tal-QortiĊivili f'Malta tista' taħtar ad istanza ta' xi persuna li hekk tallega,tista', bla ħsara għal kull azzjoni oħra dwar l-istess ħaġa li tkun tista' ssir legalment, titlob lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili għal rimedju.*

*(2) Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili għandu jkollha ġurisdizzjoni oriġinali li tisma' u tiddeċidi kull talba magħmula minn xi persuna skont is-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu, u tista' tagħmel dawk l-ordnijiet, toħroġ dawk l-atti u tagħti dawk id-direttivi li tqis xierqasabiex twettaq, jew tiżgura t-twettiq ta' kull waħda mid-disposizzjonijiet tal-imsemmija artikoli 33 sa 45 (magħdudin) lgħall-protezzjoni tagħhom tkun intitolata dik il-persuna: Iżda l-Qorti tista', jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk tagħmel, tirrifjuta li teżerċita s-setgħat tagħha skont dan is-subartikolu f'kull każ meta tkun sodisfatta li mezzi xierqa ta' rimedju għall-ksur allegat huma jew kienu disponibbli favur dik il-persuna skont xi liġi oħra.*

*(3) Jekk f'xi proċeduri f'xi qorti li ma tkunx il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili jew il-Qorti Kostituzzjonali tqum xi kwistjoni dwar il-ksur ta' xi waħda mid-disposizzjonijiet tal-imsemmija artikoli 33 sa 45 (magħdudin), dik il-qorti għandha tibgħat il-kwistjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili kemm-il darba fil-fehma tagħha t-tqanqil tal-kwistjoni ma tkunx sempliċement frivola jew vessatorja; u dik il-qorti għandha tagħti d-deċiżjoni tagħha fuq kull kwistjoni mibgħuta quddiemha skont dan is-subartikolu u, bla ħsara għad-disposizzjonijiet tas-subartikolu (4) ta' dan l-artikolu, il-qorti li quddiemha tkun qamet il-kwistjoni għandha tiddisponi mill-kwistjoni skont dik id-deċiżjoni.*

Il-kwistjoni sollevata fit-talbiet tal-attur, arġinata kif inhi esklussivament fuq ksur ta' drittijiet fundamentali, hi waħda li taqa' sabiex tiġi regolata skont l-artikolu 46(3) tal-Kostituzzjoni hawn fuq ċitat.

Għalhekk, ġjaladarba l-kwistjoni mqanqla la hija frivola u lanqas vessatorja, din il-Qorti, wara li rat l-Artikolu 46(3) tal-Kostituzzjoni, qegħda tibgħat l-atti lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili sabiex tiddeċiedi jekk jirriżultax ksur tal-jedd fundamentali tal-attur għal-liberta' mill-arrest arbitrarju.

**Decide**

Għar-raġunijiet kollha hawn fuq premessi din il-Qorti qegħda tilqa' t-tielet eċċezzjoni sollevata mill-konvenuti u waqt illi tiddikjara li m'għandiex ġurisdizzjoni sabiex tisma' u tiddeċiedi din il-każwa, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 46(3) tal-Kostituzzjoni qegħda tibgħat l-atti lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali).

L-ispejjeż jibqgħu riżervati għall-ġudizzju finali.

(ft) Dr Brigitte Sultana
Maġistrat

(ft) Daniel Sacco
D/Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur